# *30 Sena ta' Gvern Lokali...* il-pass li jmiss



Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Local Councils' Association Malta

Ġabra ta' ħsibijiet, esperjenzi u proposti miġbura f'għaxar ideat bħala bidu ta' djalogu fl-okkażjoni tat-tletin sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'pajjizna. Dan flimkien ma' suġġeriment ta' pjan strateġiku ta' azzjoni li għandu jwassal għal tibdil u tisħiħ sinifikattiv fl-operat tal-Gvern Lokali. Okkażjoni straordinarja għal dawk kollha involuti fil-Gvern Lokali sabiex flimkien nistabilixxu rwieħna bħala promoturi ewlenin tal-kunsilli lokali u bħala sistema governattiva lokali li tħares u taħdem biex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-Resident.



# Messagg mill-President

Bdejt dan il-vjaġġ fil-Kunsilli Lokali lura fis-sena 2002. Bħala President Assocjazzjoni Kunsilli Lokali għal dawn l-aħħar sitt snin, kelli ċ-ċans u l-opportunità li niltaqa' ma' ħafna membri tal-Kunsilli Lokali b'mod personali. Stajt nara mill-viċin d-dedikazzjoni, id-determinazzjoni u x-xogħol li jwettqu b'passjoni għall-ġid tal-lokalitajiet u l-komunitajiet tagħkom. Dan minkejja li jiffaċċjaw sfidi li mhux dejjem ikun faċli li jiġu megħluba.

L-Elezzjonijiet Lokali juru kemm il-Gvern Lokali huwa essenzzjali għar-resident. Dan għaliex fl-aħħar elezzjonijiet tal-2019, ir-residenti, bil-vot tagħhom, reġgħu eleġġew 468 rapprezentant lokali u għaldaqstant, ġustament jistennew li l-Kunsill Lokali tagħhom jagħti s-sapport meħtieġ lilhom u lill-familji tagħhom. Bir-raġun ukoll ir-residenti jistennew servizz pubbliku effettiv illi jwassal biex ikun hemm titjib fl-ekonomija lokali tagħhom, jaspiraw għal lokalitajiet u kommunitajiet li joħolqu l-impjiegi filwaqt li jgħixu f'ambjent sigur. Jistennew li jkun hemm 'policies' effettivi li jassiguraw li l-familji tagħhom ikollhom il-ħiliet bażiċi meħtieġa biex jirnexxu.

Dawn l-aħħar snin, il-kunsilli Lokali u dawk Regjonali qegħdin jesperjenzaw evoluzzjoni ikbar fl-aspettativa tar-residenti. Minkejja li ir-residenti jagħrfu l-limitazzjonijiet leġiżlattivi, finanzjari u amministrattivi tal-kunsill tagħhom, xorta jistennew li l-kunsill taghom jesprimi il-pożizzjoni tiegħu fuq materji ta' natura lokali u territorjali li potenzjalment jistgħu jkollhom effet negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom. Jistennew ukoll, illi l-opinjoni tagħhom, speċjalment fuq oqsma lokali, tkun rappreżentata mill-kunsilli lokali tagħhom, ma' awtoritajiet u entitajiet governattivi ċentrali.

Tletin sena wara, minkejja d-diffikultajiet u l-isfidi li ħafna drabi jidhru insormontabbli, il-limitazjoni ta' finanzjament u n-nuqqas ta' awtonomija neċessarja, ir-risorsi limitati b'membri eletti illi jagħmlu sforzi kbar minkejja li l-kariga tagħhom hija tista' tgħid volontarja, nemmen iktar minn qatt qabel fil-bżonn ta' tisħiħ tal-Kunsilli Lokali bħala it-tielet kolonna demokratika f'pajjiżna li permezz tagħha nistgħu nilħqu miri ambizjużi akbar għall-pajjizna. Ninsab konvint illi l-membri eletti lokali, huma ass imprezzabli u għodda essenzjali kemm għall-Gvern Ċentrali kif ukoll għall-kommunitajiet tagħna.

Qegħdin hawn biex nibdew niktbu flimkien l-istorja ta' tletin sena ohra. Is-suċċessi ta' l-aħħar tletin sena nkisbu frott ta' viżjonijiet fit-tul, pjanijiet ambizzjużi, deċiżjonijiet iebsa, kuraġġjużi u xi drabi kontroversjali, kif ukoll permezz ta' ħidma bla waqfien minn mijiet ta' Kunsilliera u Sindki li servew tul dawn iż-żminijiet. Hawn irrid nagħmel referenza partikolari ukoll għall-ħaddiema kollha, li wkoll taw kontribut b' saħħtu sabiex wasalna fejn ninsabu illum.

Nixtieq nuri l-gratitudni tiegħi lejn dawk kollha li ser ikunu qed jipparteċipaw f'din il-konsultazzjoni, partikolarment lis-Segretarju Parlamentari li qed tagħti din l-opportunita. Nixtieq nirringrazzja lill-partiti politiċi li pparteċipaw tul dawn is-snin fit-tħaddim tad-demokrazija lokali kif ukoll lil dawk li għal xi raġuni jew oħra ikkontestaw dawn l-elezzjonijiet bħala kandidati indipendenti.

Konvint li kollha kemm aħna għandna l-istess xewqat u l-istess miri - dak li nsaħħu l-Gvern Lokali sabiex ir-resident ikun dejjem l-ewwel f'kull deċiżjoni jew ħsieb tagħna. Meta dan isir, verament tkun qed isseħħ il-viżjoni tagħna, dik li ntejbu l-kwalita tal-ħajja tar-resident.

# Sommarju

Dan id-dokument qed jiġi mħejji mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bħala proċess ta' konsultazzjoni fid-dawl tas-sejħa tas-Segretarjat għall-Gvern Lokali sabiex ikollna riforma b' saħħitha f'dan il-qasam.

Id-dokument qiegħed jiġbor esperjenzi varji minn individwi fit-tmexxija tal-kunsilli lokali u bl-iktar mod miftuħ ser jipprova jagħti stampa ċara tal-bżonnijiet u miżuri meħtieġa għat-tisħiħ ta' pilastru importanti fid-demokrazija ta' pajjiżna. L-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, huma l-akbar eżerċizzju demokratiku li jsir f'pajjizna, fejn jiġu eletti l-akbar numru ta' rappreżentanti tal-poplu.

Il-viżjoni għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali tirrikjedi pjan ambizzjuż, imsaħħaħ minn volonta politika, deċizjonijiet kuraġġuzi u ħafna involviment u enerġija minn bosta li jaħdmu f' dan il-qasam. Ix xogħol, il-kisbiet u s-suċċessi tal-passat għandhom iservu ta' ispirazzjoni, kuraġġ u konvinzjoni illi dan il-pjan huwa fattibli.

# Introduzzjoni

Pjanijiet u programmi ta' żvilupp li jiġu mflassla u mbuttati minn fuq, ma jistgħux waħedhom jindirizzaw il-komplessivita' ta' żvilupp sostenibbli. Il-pubbliku, l-għaqdiet mhux governattivi u l-komunita kummerċjali għandhom irwol importanti u essenzjali, speċjalment f'livell lokali. Fl-aħħar tletin sena, Gvernijiet Ċentrali differenti, għaddew responsabilitajiet varji lill-Gvern Lokali bħala parti mill-proċess ta' żvilupp bl-iskop li jikber l-għarfien, tittejjeb il-komunikazzjoni u jiġu ffaċilitati l-koordinazjoni u l-implimentazjoni ta' dawn l-istess pjanijiet u programmi.

Ġara iżda li din ir-rikonoxxenza politika ma kinitx dejjem akkumpanjata b'livell adegwat ta' awtonomija, investiment fi żvilupp ta' kapaċitajiet professjonali u riżorsi finanzjari biex wasslu għal riżultati diżappuntanti kemm għall-pubbliku ngenerali kif ukoll għall-Gvernijiet infushom. Il-finanzjament ta' proġetti li huma taħt ir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali huwa marġinali meta mkejjel mal-finanzjament pubbliku u ċentrali. Ċertu drabi, din is-sitwazzjoni ntużat bħala pretest biex jittieħdu lura ċertu responsabilitajiet oriġinarjament mogħtija lill-kunsilli, lejn il-gvern ċentrali.

Numru ta' ostakli preżenti jridu jiġu megħluba sabiex verament nisfruttaw il-potenzjal tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Huwa f'dan l-isfond li l-Assocjazzjoni Kusnilli Lokali qegħda tħejji dan id-dokument fl-okkazjoni tat-tletin sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali f'pajjiżna. Il-fatt li nħasset il-ħtiega li jkun hemm tiġdid ghat-tfassil tal-futur, jagħti tama li hemm impenn mill-Gvern għat-tisħiħ tal-ikbar forma ta' demokrazija f'pajjiżna.





# 1. L-Importanza tal-Kunsilli Lokali fl-Iżvilupp

Il-parteċipazzjoni tar-residenti fid-deċiżjonijiet li jolqtu b'mod dirett u ndirett il-kwalita' tal-ħajja tagħhom hija fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli. Dan il-bżonn huwa partikolarment rilevanti fuq livell lokali, fejn ir-resident joqgħod u jaħdem, fejn servizzi bażiċi jiġu offruti u fejn l-intrapriżi jinbtu u jissaħħu. Ir-Residenti allura għandhom interess komuni biex jiġu stabbiliti miri u biex isir xogħol konġunt sabiex jinstabu soluzjonijiet, partikolarment għal servizzi aħjar u iktar effiċjenti, għal tqassim ta' riżorsi iktar bilanċjati, għal integrazzjoni soċjali aħjar, għal aktar akkontabilità u trasparenza f'entitajiet pubbliċi, inkluż mekkaniżmi ta' responsabiltà u akkontibilità.

Bil-vantaġġ li huma kostantament viċin in-nies, il-Kunsilli Lokali, iktar minn kull istituzzjoni pubblika oħra, għandu jkollhom ir-responsabbiltà u l-obbligu li jitkellmu f'isem ir-resident, illi jimmobilizzaw is-soċjetajiet ċivili u fuq kollox ikunu katalisti tal-bidla. Dan speċjalment f'kuntest ta' effiċjenza ikbar fl-amministrazzjoni pubblika, fl-iżvilupp iktar inklussiv, fir-relazjonijiet ta' għaqdiet lokali, għaqdiet non-governattivi u organizzazzjonijiet oħra u għal soluzjonijiet u għajnuniet għal sfidi urġenti li jiffaċċjaw il-komunitajiet lokali. Dawn l-isfidi jinkludu l-esklużjoni socjali, l-immigrazjoni, faqar, nuqqas ta' infrastruttura bażika u aċċess, urbanizzjoni magħġġla, sigurta' pubblika u problemi relatati ma' vjolenza, abbuż u nuqqas ta' infurzar. Dan biex ma nsemmux l-effetti negattivi li qed iħallu l-impatt fuq it-tibdil tal-klima.

Governanza lokali ta' kwalità hija neċessarja biex jiġi zgurat żvilupp sostenibbli ekwu, b'ġid li jitqassam ma' kulħadd. Tassigura proċess ta' żvilupp effettiv u inklussiv.

Il-kwalità ta' governanza tajba hija primarjament riżultat ta' rieda politika mill-gvern ċentrali sabiex permezz ta' leġiżlazzjoni u qafas regolatorju jinħoloq ambjent fuq livell lokali li jwassal lill-Kunsilli Lokali igawdu minn livell sodisfaċenti ta' awtonomija fl-ezerċitazzjoni tad-dmirijiet u responsabilitajiet permezz ta' riżorsi professionali ikbar u aħjar. Il-kwalita' fil-governanza lokali toħrog ukoll fir-relazjonijiet u l-komunikazjoni ma' entitajiet oħra pubbliċi, mal-komunità kummerċjali u mar-residenti, li bosta drabi hija dipendenti fuq r-riżorsi għad-dispożizjoni tal-kunsill lokali.

It-tisħiħ tas-servizz publiku fuq livel lokali, permezz ta' estenzjoni tal-istess servizzi jew saħansitra servizzi aġġunti, permezz tal-kunsilli lokali għandhom jiġu akkumpanjati b'tisħiħ fl-istrutturi governattivi lokali u investiment ikbar fl-amministrazjoni u l-kapaċitajiet tar-riżorsi umani.

Bl-istess mod għandhom jiġu msaħħa l-entitajiet l-oħra lokali li għandhom il-kapaċita' u s-saħħa li jitolbu l-ikbar trasparenza u akkontabilita'. Għandu jiġi assigurat ukoll li l-Kunsilli Lokali jkollhom l-għodda u l-inċentivi meħtiega biex jagħtu rendikont tal-ħidma tagħhom fil-ħin u bl-ikbar transparenza lir-residenti tagħhom.

# 2. Il-Potenzjal tal-Gvern Lokali

F'kuntest ta' prinċipju ta' sussidjarjetà, il-Gvern ċentrali għandu jippromwovi ir-rwol attiv tal-Kunsilli Lokali bħala awtorita' governattiva li għandha sehem importanti u attiv fit-tfassil ta' policies għal żvilupp nazzjonali u awtorita' li tista' tieħu d-deċizjonijiet tagħha f'kuntest lokali bl-akbar livell ta' trasparenza u akkontabbilita għall-aqwa servizz ta' kwalità fil-komunità. Dan it-tisħiħ iwassal għal kontribuzzjoni u żvilupp lokali ikbar f'oqsma bħal; ġustizzja soċjali, drittijiet umani u ugwaljanza, kommunitajiet attivi, sehem ikbar tan-nisa, zgħażagħ u l-anzjani fil-komunita'. Il-parteċipazzjoni tagħhom fuq livell soċjali u politiku, l-ħarsien ambjentali, il-pjan urban lokali, l-introduzzjoni u l-implimentazjoni tat-teknoloġija favur immagjar aħjar u iktar effiċjenti, immaniġġar ta' mobilta sostenibbli, żvilupp u ħarsien ta' assi pubbliċi jagħtu sens qawwi ta' parteċipazzjoni u partenenza. Dan kollu jrid isir bi trasparenza u akkontabbilita' flimkien mal-entitajiet, soċjetajiet u assoċjazjonijiet pubbliċi.

L-involviment u sħubija ma' stakeholders lokali kollha li jirrappreżentaw l-ikbar firxa ta' residenti u atturi oħra fil-lokalita hija kruċjali. Id-djalogu frekwenti u miftuħ għandu jwassal għal gvern li għandu l-aqwa kuntatt man- nies u l-aħjar għarfien għal realtajiet diversi.

Huwa f'dan il-qafas li l-iżvilupp territorjali għandu jiġi mbuttat. L-approċċ territorjali huwa kkaratterizzat b'sehem dinamiku li jibda minn isfel u bi proċess fit-tul, jibqa' jiġi xprunat mill-ikbar firxa ta' atturi fil-komunitajiet tagħna u setturi tal-ekonomija, sakemm jasal fl-ogħla livell politiku, Dan sabiex jifforma parti minn strateġija ta' implimentazjoni nazzjonali tal-gvern ċentrali. Gwidata mill-Kunsilli Lokali, din is-sistema terratorjali, bl-involviment ta' bosta atturi u r-residenti, għandha twassal għal tibdil u titjib fil-kwalita' tal-ħajja tan-nies u s-saħħa tagħhom. Dan filwaqt li jiġi assigurat il-bilanċ fit-tkabbir soċjo-ekonomiku, il-kwalita' tal-ambjent ta' madwarna, kemm dak urban kif ukoll dak naturali, bi protezzjoni ġusta għal dawk vulnerabli. Dan il-proċess, jew aħjar mod pjanat ta' tmexxija, għandu jsaħħaħ il-proċess politiku lokali u t-trasparenza filwaqt li jagħti spinta 'l iżvilupp demokratiku b'ħidma u monitoraġġ kontinwu favur il-progress sonstenibbli.





# 3. Governanza lokali aħjar u riżultati effettivi

Għandna nkomplu naħdmu favur il-Kunsilli Lokali magħmula minn rappreżentanti eletti demokratikament tal-ikbar firxa wiesgħa tal-elettorat u li f'għajnejn ir-resident huma responsabbli għall-aspirazjonijiet tal-komunitajiet u l-kwalita' tal-ħajja tagħhom. Dan għandu jsir b'tisħiħ tal-irwoli tal-karigi ta' Sindki, viċi Sindki u kunsilliera, f'mekkaniżmu tal-kunsill kif ukoll f'opportunatajiet li l-kordinament ta' diversi kunsilli lokali flimkien, permezz tal-kunsilli regjonali, jista jġib miegħu.

Bl-istess mod, is-sapport għandu jingħata għat-tisħiħ ta' strutturi ta' 'management' fl-istess kunsilli biex tiġi assigurata kwalita għolja ta' tmexxija lokali għal kull lokalita' irrespettivament mid-daqs tal-lokalita'.

Mil-lat ta' operat u tmexxija, għandna ninbuttaw għal awtonomija amministrattiva u finanzjarja permezz ta' riformi ta' diċentralizzajoni, kapaċitajiet professionali u żvilupp istituzzjonali.

# 4. Il-Proċess ta' Diċentralizzazzjoni

Id-diċentralizzazzjoni tikkostitwixxi aspett partikolari fir-riforma ta' servizz pubbliku. Tinvolvi it-trasferiment ta' firxa ta' setgħat u awtorità politika u tinkludi dħul addizzjonali fuq dak tal-gvern ċentrali u mhux neċessarjament fiskali. Tinkludi wkoll responsabilitajiet ta' servizzi u l-immaniġġar tagħhom kif ukoll rizorsi finanzjari, amministrattivi u umani, minn livell politiku għoli lejn awtoritajiet f' livelli aktar baxxi fis-sistema amministrattiva.

Id-dicentralizzazzjoni hija ntenzjonata għal effiċjenza aħjar, ugwaljanza u koeżjoni soċjali u tista' sseħħ biss b'rieda politika ta' stat sovran, li jfittex l-aħjar ħajja għaċ-cittadini u r-residenti tiegħu. Filwaqt li l-kuntest ta' diċentralizzazzjoni irid jitpoġġa fil-perspettiva ta' Malta, iċ-ċokon tagħha u s-sistema politika Maltija, għandna naraw li nippromwovu diċentralizazzjoni li tagħti almenu element ta' awtonomija li tippermetti lill-Kunsilli Lokali jaqdu u jwettqu b'suċċess il-funzjonijiet tagħhom hekk kif jistennew ir-residenti tagħhom.

Ir-riżultat mistenni għandu jkun allokazjoni suffiċċjenti ta' riżorsi finazjarji lill-Kunsilli Lokali, titjib u liberta' akbar fl-immaniġġar finanzjarju u l-abilta li kunsill jista' jiġġenera dħul, anke jekk mhux neċessarjament fiskali, fuq livell lokali. B'mod parallel, il-Gvern ċentrali għandu jassisti biex jittejbu jew jiżdiedu il-kapaċitajiet fl-awtoritajiet ċentrali u dawk lokali biex flimkien, permezz ta' mekkanizmi ta' akkontabbilita politika, tintlaħaq it-trasparenza li hija mistennija mir-residenti fit-tmexxija tal-lokalita tagħhom.

F'dan il-kuntest, filwaqt li d-diċentralizazzjoni fiskali mhux qegħda tiġi suġġerita, taxxi speċifiċi li qegħdin jinġabru speċifikament minn sitwazzjonijiet relatati direttament ma' ċirkostanzi fil-lokal bħal m'huma multi għal abbuż ta' rimi ta' skart fil-lokalita, attivitajiet kulturali u oħrajn, għadhom l-ewwel nett jgħaddu lil lokalita' minn fejn inġabru u mbagħad tingħata awtonomija suffiċċjenti biex dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal ġid tal-lokalita hekk kif inhu mistenni mir-resident, idealment fuq is-sors li minnu jkunu ġew. Dan għandu jgħin biex kull kunsill jista' jfassal u jamministra l-baġit tiegħu. Dan irid isir b' konsultazzjoni wiesa mal-Aġenziji u entitajiet konċċernati.

Fuq livell reġjonali, l-awtonomija fiskali għandha tiġi mħaddma fuq l-istess prinċipji. Dan biex jista' jiġi assigurat żvilupp teritorjali li verament jilħaq il-bżonnijiet ta' kull resident f'kull lokalità partikolari u bil-bżonnijiet distinti tagħha.

# 5. Investiment fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet



Sabiex nassiguraw li l-Kunsilli Lokali għandhom l-abbilta' biex jikkontribwixxu għal governanza tajba u biex jintlaħqu l-miri tal-iżvilupp fuq livell lokali, membri eletti u mpjegati amministrattivi għandhom jegħlbu sfidi relatati ma' kapaċitajiet relatati mat-tmexxija ta' riżorsi pubbliċi, kapaċitajiet fit-tmexxija, immaniġġar ta' fondi pubbliċi, ġenerazjoni ta' dħul mhux fiskali, immanġġar ta' spiża u nefqa pubblika lokali, trasparenza, parteċipazzjoni u t-tisħiħ ta' relazjonijiet u kommunikazjoni ma' stakeholders u residenti.

Il-kapaċitajiet ta' governaza tajba huma dipendenti minn fatturi varji, klassifikati fuq tlett livelli; dak individwali, dak istituzzjonali u dak organizzattiv. Fuq livell individwali, il-kapaċita' f'livell lokali tiddependi fuq il-ħiliet, it-taħrig, u l-atitudni tal-politiċi lokali u l-impjegati amministrattivi. Fuq livell instituzjonali, il-kapaċitajiet huma dipendenti fuq strutturi u proċeduri operattivi, li jagħtu qafas u gwida għal attivitajiet tal-membri kollha. Fil-livell amministrattiv, il-kapaċitajiet huma influwenzati mill-ambjent regolatorju u legali u bir-regolamenti u l-prattiċi li jirregolaw ir-relazjonijiet ma' li stakeholders kollha.

Is-sapport għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet fil-kunsilli lokali għandhom jiġu ppjanati permezz ta' pjan fit-tul li għandu jibqa' jigi żviluppat skont il-ħtigijiet ġodda li jevolvu skond iż-żminijiet. Dan il-pjan għandu jkollu emfasi fuq tmexxija, servizz pubbliku inklussiv u immaniġġar finanzjarju serju.

Dan għandu jsir fuq firxa nazzjonali u jkun obbligatorju, immaniggjat mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bi shab ma' skejjel tal-amministrazjoni. Għandhom ukoll jiġu mħeġġa programmi ta' skambju bejn impjegati minn kunsilli differenti sabiex l-individwu jkun jista' jingħata l-aktar esperjenza wiesgħa.



# 6. Urbanizzazzjoni Sostenibbli

Matul l-aħħar snin esperjenzajna tkabbir magħġġel tal-popolazzjoni urbana f'ħafna mill-lokalitajiet tagħna b'rizultat tat-tkabbir ekonomiku. Tgħallimna li f pajjiż ċkejken bħal tagħna, dawn iż-żewg fatturi huma direttament relatati. Il-governanza urbana saret aspett importanti għal governanza tajba. Il-Kunsilli Lokali għandhom sehem deċisiv biex jirregolaw u jamministraw sfidi ġodda relatati mat-tkabbir ta' żoni urbani. Dawn jinkludu żvilupp ta' kostruzzjoni u l-isfidi li jġib miegħu, residenti mingħajr servizzi u faċilitajiet essenzjali, sfidi relatati ma' faqar, kriminalita' u nuqqas ta' sigurta' kif ukoll problemi soċjali.

Il-Kunsilli Lokali għandhom ikunu huma li jifformulaw u jippromwovu strateġiji sostenibbli kontra d-diskriminazzjoni, barrieri ta' kull tip kontra gruppi fis-soċjeta li jeskludi l-aċċess għal riżorsi u opportunitajiet, favur żvilupp sostenibbli urban, promozzjoni u inkoraġġiment ta' inklużjoni u integrazzjoni soċjali, titjib, ħarsien u promozzjoni tal-ambjent.

Attenzjoni speċjali għandha tingħata għal valur tal-art urbana fil-lokalita li ħafna drabi tirrifletti id-densità ta' żvilupp urban. Il-finanzjament tal-kunsilli għandu jkollu relazzjoni diretta ma' dan il-valur sabiex jiġi assigurat li l-kwalità ta' servizzi u l-faċilitajiet urbana offruti huma proporzjonati mal-livell ta' żvilupp u investiment mill-privat.

Il-Kunsilli għandhom ikunu huma li jfasslu policies tal-lokalita relatati ma' dilapidazzjoni tal-bini u żdingar li potenzjalment jistgħu jevolvu f'kerrejiet jew jikkawżaw tbatijiet u inkonvenjenza għal ġirien tal-madwar, iwaqqgħu l-valur taż-żona u li fl-aħħar nett jispiċċaw bejta għall-kriminalità. Għandna naraw li flimkien nimbuttaw għal involviment tal-kunsilli fejn jidħol id-department tal-artijiet u l-awtorita' tad-djar, għal użu u mmaniġġar aħjar ta' propjetà pubblika fil-lokalita tal-istess kunsill. Dan l-iżvilupp għandu jtejjeb l-aċċess għal propjetajiet privati u jiftaħ is-suq għal iktar kompetittività u trasparenza. It-titjib tal-ambjent urban, żoni miftuħa pubbliċi, servizzi u faċilitajiet sanitarji u essenzjali aħjar, huma pri-rekwiziti mportanti għal żvilupp sotenibbli urban u t-titjib tal-kwalita tal-ħajja tar-resident b'mod ġenerali.

# 7. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

L-Assoċjazzjoni għandha potenzjali biex isservi bħala għodda mportanti fl-isforz ta' governanza tajba u trasparenti. Għandha l-vantaġġ li hi esposta għall-isfidi kollha u diversi li jaffaċċjaw il-kunsilli u l-lokalitajiet tagħhom u allura għandha l-iktar stampa cara tal-bżonnijiet tal-kunsilli fuq livell nazzjonali. Il-funzjonijiet prinċipali għandhom ikunu;

- Il-promozzjoni ta' ideat u l-interessi tal-membri tagħha f'taħdidiet u tfassil ta' policies mal-gvern ċentrali kif ukoll fil-fora Ewropea u dik Internazjonali

- Lobby għal policies ta' diċentralizazzjoni li għandhom iwasslu għal tmexxija b'saħħita u awtonoma tal-kunsilli fir-rigward ta' realtajiet lokali u speċifiċi

- Flimkien mar-Reġjuni, it-tisħiħ ta' komunikazzjoni, koordinament u ħidma bejn il-membri kollha tal-kunsilli lokali

- Flimkien mar-reġjuni, it-tixrid ta' informazzjoni u esperjenzi bejn il-kunsilli varji sabiex jikkontribwixxu għal żvilupp ta' kapaċitajiet individwali, amministrattivi u istituzjonali

- Is-superviżjoni tal-ħidma u l-prestazzjoni tal-kunsilli lokali f'oqsma ta' tfassil ta' policies u s-servizz pubbliku

- Il-promozjoni, koordinament u tfassil ta' pjanijiet lokali urbani f' dawk li huma proġetti pubbliċi b'mod parteċipattiv li jinkludi lill-istakeholders kollha

- Fl-aħħarnett, it-tfassil ta' viżjoni ta' ħidma li tiġbor il-bżonnijiet, l-eżiġenzi u x-xewqat tar-resident, bi proċess ta' diskussjoni, konsultazzjoni mal-kunsilli lokali u l-istakeholders konċernati

Il-Gvern ċentrali u l-awtoritajiet tiegħu għandhom ifittxu l-involviment tal-Assoċjazzjoni biex f'isem il-Kunsilli Lokali tipparteċipa fit-tfassil ta' programmi nazzjonali u l-implimentazzjoni tagħhom, speċjalment f'ħidma li potenzjalment tista tiġi diċentraliżżata. Il-Gvern għandu jassigura illi l-Assoċjazzjoni jkollha għajnuna finanzjarja, amministrattiva u leġislattiva meħtiega biex din tkun tista' tkompli u ttejjeb il-ħidma u s-servizzi li qed toffri lill-Kunsilli Lokali.



# Il-Viżjoni Lokali - Resident First

L-Assoċjazjoni Kunsilli Lokali varat proposta ta' viżjoni f'Ottubru li għadda (Viżjoni 2019-2024) lil membri tagħha. Viżjoni li għandha twassal għall-elezzjonijiet lokali li jmiss. Din il-viżjoni kienet ikkonfermata u approvata mill-Kunsilli Lokali ftit xhur wara u għalhekk bdew diversi xogħlijiet fuq it-tfassil ta' proposti għal policies u pjanijiet ta' ħidma li jolqtu kważi kull aspett fil-ħajja tar-residenti fil-lokalitajiet tagħhom. Kopja ta' sommarju ta' din il-viżjoni qegħda mehmuża ma' dan id-dokument.

Il-viżjoni tindividwa lir-Resident bħala ċ-ċentru tal-attivitajiet tal-Kunsilli Lokali. Iktar minn ċittadin, fi żmien li qed ngħixu llum u bl-andament ekonomiku li kellna qabel il-pandemija, bħala membru tal-Unjoni Ewropea u bi strateġija ta' tkabbir ekonomiku aggressiv, il-viżjoni trid tinkludi kull individwu li qiegħed jgħix u jagħti kontribut lil Malta b'mod legali. Potenzjalment, dan jista jkun kontribut lejn il-komunita u l-lokalita tiegħu, bl-involviment u parteċipazzjoni iktar attiva. Il-viżjoni tagħmel l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali l-punt ta' partnenza minn fejn wieħed għandu jitlaq fit-tfassil ta' pjanijiet u policies sostenibbli, filwaqt li bl-istess mod titfa' l-istess obbligi li kull persuna li tgħix fil-okalitajiet tagħna għandu jkollu lejn l-istess komunità.

Il-viżjoni titratta suġġetti varji, miġbura taħt erba kolonni li huma; mobbilta' sostenibbli, spazji urbani miftuħa u pubbliċi, ekonomija ħadra, u smart cities.

Il-mobbiltà sostenibbli tikkonsidra l-aċċessibilta għal mixi u ċiklizmu bħala forma ta' mobilta' mill-iktar essenzjali, transport sostenibbli individwali u tal-massa, it-tranżizzjoni għal vetturi bl-eletriku u l-infrastruttura neċessarja fil-lokalitajiet għal implimentazjoni b'suċċess. Ma' dan, il-proviżjon u l-immaniġġar tal-parkeġġ pubbliku u dak privat, il-mobbilta' bħala servizz u t-teknologija relatata miegħu.

Tħares ukoll lejn l-ispazju urban pubbliku u l-immaniġġar tiegħu, kif dan għandu jtejjeb is-saħħa tal-indiwidwu, l-impatt fuq il-madwar. Kif dawn l-ispazji jistgħu jintużaw bħala għodda għall-inklużjoni soċjali aħjar, għat-tisħiħ tal-komunitajiet tagħna fil-lokalita' u l-kontribut li dan jista jkollu fuq it-titjib tal-kwalita tal-arja. Il-ħarsien tal-ambjent naturali u urban u introduzzjoni mill-ġdid tan-natura u ħajja naturali fl-ambjent urban tagħna huma fil-qalba ta' din il-viżjoni.

L-ekonomija l-ħadra hija trattata minn lenti lokali. Il-viżjoni titkellem fuq bini sostenibbli li nixtiequ jkollna fil-lokalitajiet tagħna, bini effiċċjenti li jgħin jintlaħqu l-miri ambjentali, b'inqas konsum ta' enerġija, f'ambjent iktar san u naturali li jiffavorixxi s-saħħa fiżika u mentali tal-individwu f'daru u fil-post tax-xogħol tiegħu. Il-kontribuzzjoni lokali fuq l-isfidi kbar li għandna fl-immaniġġar ta' l-iskart. Pjan u strateġija ta' mmaniġġar u tisħiħ ta' sistemi biex jiġu mtejba l-indafa publika li tinkludi l-edukazzjoni, il-konteniment ta' l-iskart u l-ġbir tiegħu, l-immaniġġar tal-assi tal-kunsill mod strutturat u effiċjenti u sostenibbli taż-żamma tal-indafa fil-lokalitajiet tagħna b'mod konsistenti.

Fl-aħħarnett, l-użu tat-teknologija bħala għodda ta' immaniġġar u titjib fis-servizzi pubbliċi lokali. Informazzjoni xjentifika li isservi ta' bażi għal deċizjonijiet lokali aħjar u nfurmati.
Kienet ta' sorpriża, għalkemm mhux għal kollox, in-numru ta' Ministeri, aġenziji tal-Gvern ċentrali, kummissjonijiet u ħafna għaqdiet governattivi li wrew ix-xewqa li jkunu parti minn dan il-pjan ta' ħidma. Jidher biċ-ċar il-potenzjal tal-kunsilli lokali li jservu bħala mezz prinċipali fejn ideat, inizjattivi, bidliet u proposti ta' riġenerazzjoni jistgħu jinbtu u jitwasslu b'mod sistematiku, koordinat u trasparenti sa l-ogħla livelli fis-sistema politika u biex isiru parti mil-pjan ta' ħidma tal-gvern.

Din is-sistema politika miftuħa, tista' potenzjalment tkun ghodda importanti għal partit politiku li għandu interess li kontinwament jiġġedded u allura dejjem miftuħ għal ideat godda u viċin in-nies.

# Tletin sena wara

Għaddew tletin sena. Il-Kunsilli Lokali twaqqfu mill-poplu għall-poplu. Tul dan iż-żmien inkisbu avvanzi li mhumiex żgħar. Dan sar fil-qasam politiku, ekomomiku u soċjali sforz l-involviment ta' bosta. Bħal kull organizzazzjoni, il-Gvern Lokali jrid jassigura li jibqa' jiġġedded kuljum. Dan jista' jagħmlu biss bl-involviment ta' l-ikbar ammont ta' individwi possibli ġejjin mill-ikbar firxa ta' sfond kulturali u soċjali possibbli fi ħdan strutturi amministrattivi u governattivi.

Il-Kunsilli Lokali huma xempju ta' dan. Il-Gvern Lokali għandu jkollu l-ikbar rispett għal mijiet ta' individwi li jagħtu l-enerġija tagħhom għall-governanza lokali. Dawn in-nies m'humiex biss il-membri eletti. Huma mpjegati tal-kunsilli, ghaqdiet mhux governativi, socjeta civili, komunitajiet u residenti individwali li minghajr ebda hlas, favuri jew gwadan personali jagħżlu li jipparteċipaw f'inizjattivi diversi biex flimkien mal-kunsilli lokali jagħtu sehemhom fl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-komunitajiet tagħhom, tal-patrimonju tal-lokalità tagħhom, il-ħarsien ta' ambjent urban u naturali, attivitajiet kulturali tagħhom, l-edukazjoni, is-saħħa, is-sigurta, l-integrazzjoni, l-inklużjoni soċjali, indafa pubblika u kull aspett ieħor fis-soċjeta' tagħna li jagħtina l-identità u l-karattru tagħna.

Flimkien għandna nkunu fuq quddiem biex nagħtu s-support, l-irwol li dejjem qed jikber tal-gvern lokali, lill-kunsilli u r-rappreżentanza tagħhom. Għandna ninkoraġġixxu l-użu innovattiv ta' modi ta' finazjarjament biex jiġi faċilitat l-aċċess flessibbli, trasparenti u valur miżjud għal riżorsi fuq livell lokali. Fil-kuntest ta' proċess ta' deċentralizzazjoni dan jista' jinkludi 'performance-based grants' ghas-servizz pubbliku ibbażat fuq assesjar annwali tal-ħidma istituzzjonali tal-Kunsilli Lokali.

Waqt li l-importanza ta' l-immaniġġar lokali awtonomu hija element fundamentali għall-ħidma b'suċċess, hemm bżonn ta' sforz kollettiv biex jiġi mtejjeb u standardizzat il-qafas legali kontrattwali specjalment fejn jidhlu servizzi pubblici nazzjonali bhal m' hu l-indafa publika, il- gbir tal-iskart, sahha u edukazjoni, sanita, agrikoltura u sahansitra il-process ta' decentralizzazjoni innifsu. Ghandu jsir investiment biex jissaħħu u jiġu standardizzati strutturi t' amministrazzoni specjalment fejn jidħol impieg u standards t' amministrazzjoni effettiva. Dan jista' jsir b'kontribut ma' diversi agenziji u awtoritajiet governattivi li jgawdu minn riżorsi aħjar u esperjenza ikbar fl-amministrazjoni pubblika.

Għandu jiġi mtejjeb il-proċess ta' tfassil ta' estimi finanzjari ta' ħidma anwali bi process li jinvolvi l-istakeholders lokali fejn jistgħu jiġu diskussi prioritajiet tal-lokalita'. It-tfassil finali ghandu jsir b'supervizjoni u l-assistenza tal-ministeru tal-finanzi biex iservi ta' gwida edukattiva u professjonali.

B'ħidma konġunta mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Gvern għandu jagħti attenzjoni specjali fejn jidħol kordinament, komplimentarjetà u koerenza ta' politika mfassla fuq firxa nazzjonali b'implimentazzjoni fuq livell lokali. Il-koperazzjoni deċentralizzata bejn il-Gvern ċentrali u dak lokali u reġjonali jista' jħalli valur miżjud fuq l-effetti ta' implimentazzjoni meta jkun assigurat li t-taħriġ ikun wieħed kontinwu. Billi jkun hemm sistema tajba ta' komunikazzjoni bejn l-atturi governattivi kollha, jiġi assigurat li l-informazzjoni tkun għad-dispożizzjoni ta' kull awtorità kemm ċentrali imma kif ukoll lokali u t-tixrid tal-esperjenzi fuq kull livell ikun inċentivat.

L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali għandha tati spazju politiku bejn il-faxex kollha fi ħdan il-Gvern Lokali biex isir skambji ta' esperjenzi kif ukoll ta' eżempji ta' prattiċi tajbin minn livelli differenti ta' tmexxija biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet aħjar bejn ferghat u sezzjonijiet varji bejn il-Kunsilli Lokali u Reġjonali u aġenziji u entitajiet li jiffurmaw parti mill-amministrazzjoni tal-gvern.

# Strateġija ta' Implimentazzjoni

It-tisħiħ fl-istrutturi tal-Kunsilli Lokali jista' jseħħ biss bi pjan strateġiku ta' azzjoni. Dan il-pjan għandu jibda fuq livell ta' 'policies' u mill-qafas legislattiv biex imbghad iwitti it-triq għal ristrutturar b'saħħtu fl-istrutturi amministrattivi.

Id-definizzjoni prezenti ta' kunsill lokali permezz tal-Att legali hija wahda vaga u limitata. Tinkludi responsabilitajiet ghal ħidma f'oqsma li jolqtu sezzjonijiet ta' residenti iktar minn oħrajn. Responsabbiltajiet speċifiċi u selettivi li mhux dejjem jolqtu l-ħtiġijiet diversi u differenti tal-komunitajiet tagħna. Joħolqu aspettattivi kbar mir-residenti fil-kunsilli tagħhom, li mhux dejjem huma realistiċi u possibli u li jispiċċaw isarrfu f'diżapunt kemm min-naha tar-residenti infushom kif ikoll mir-rappreżentantii politiċi taghom, li jkunu jixtiequ jagħmlu iktar għal komunitajiet tagħhom.



# L-ewwel Pass

L-ewwel pass għandu jkun l-aġġornament legali fid-definizzjoni ta' gvern lokali u allura l-kunsill lokali, billi issir distinzjoni ċara bejn ir-responsabilità tal-Gvern Ċentrali u l-aġenziji tiegħu u dik lokali. Dan jista' jsir b'għarfien ikbar ta' dawk li huma l-għanijiet u r-responsabilitajiet primarji tal-kunsilli lokali f'kuntest ta gvern.

Il-Gvern Ċentrali għandu ċ-ċittadin nazzjonali bħala r-responsabilità prinċipali tiegħu, fl-istadji kollha tal-ħajja tiegħu, mill-aspetti kollha li jirrigwardjaw l-għajxien u s-saħħa tiegħu. Il-Gvern lokali huwa estenzjoni tal-istess responsabbilità, imwaqqfa speċifikament b' għan li jissalvagwardja u titjieb il-kwalità tal-ħajja tac-cittadin fil-komunita u l-lokalita tieghu. F'dan il-kuntest partikolari, iċ-ċittadin huwa definit aħjar bħala resident.

Id-definizjoni ta' resident hija forma wiegħsa ta' ċittadin mingħajr diskriminazzjoni, li tiġbor fiha lil kull individwu li qiegħed jgħix ġo komunita b'mod legali u jagħti kontribut lejn il komunitajiet tagħna. M'hemmx distinzjoni għal età partikolari, abiltajiet fiziċi u mentali, sfond soċjali jew kulturali, għamla jew kulur tal-ġilda, orjentazzjoni soċjali, professjoni jew xi tip ta' klassifikazzjoni soċjali oħra.

Resident hija definizzjoni individwali f'kuntest ta' komunita u ghaldaqstant kollettiva. Iggib maghha drittijiet imma wkoll obbligi u doveri. Taghti l-individwu identita u sens ta' apparteneza, responsabilita u rispett lejn l-istess individwu kif ukoll lejn il-komunita.



# It-Tieni Pass

Il-ħidma tal-gvern lokali favur ir-resident għandha tkun immirata biex tissalvagwardja u ttejjeb il-kwalità tal-ħajja urbana fil-lokalità. Id-definizzjoni tal-kwalità tal-ħajja urbana fiż-żminijiet tal-lum hija waħda soġġettiva u dinamika li tmur lil hinn mill-prestazzjoni ekonomika u finanzjarja nazzjonali.

Il-kwalità tal-ħajja urbana hija perċezzjoni tal-individwu f'lokalità partikolari u tinkludi l-kwalità tal-infrastruttura tal-madwar, l-aċċessibilità għat-trasport pubbliku, is-servizz lokali tas-saħħa, attivitajiet u faċilitajiet kulturali, facilitajiet edukattivi, l-istat tat-toroq lokali u tal-bini urban tal-madwar, l-ispazji publiċi, kemm dawk mibnija u dawk miftuħa u l-attivita kummerċjali speċjalment dik ta' bżonnijiet baziċi fil-madwar. Ir-Resident iħares ukoll għal opportunitajiet ta' imjieg, possibilment fil-viċinanzi fejn jgħix, il-prezz tal-propjeta', kemm għal bejgħ kif ukoll għal kiri, il-preżenza u l-integrazjoni ta' nies stanjieri, is sigurta' u l-kwalita' tas-servizzi offruti mill-gvern lokali. Il-kwalita' tal-arja, il-kontroll fuq l-istorbju urban, l-indafa u spazji ħodor huma kollha fatturi li jinċiedu fuq il-perċezzjoni tal-livell ta' kwalita fil-lokalita.

It-tfassil ta' 'policies' mibnija fuq viżjoni ħolistika bl-għan li dejjem tittejjeb il-kwalita tal-ħajja tar-resident fil-lokalita tiegħu, aġġornati minn żmien ghal żmien fuq bażi reġjonali u lokali, b'konsultazjoni wiesgħa mal-komunitajiet u stakeholders, għandhom iservu biex jiddefinixxu il-ħidma tal-kunsilli lokali. Il-komunikazzjoni ta' dawn il-'policie's fil-komunitajiet diversi għandha tgħin biex jikber l-involviment fit-tmexxija tal-gvern lokali u l-apprezzament għall-ħidma tal-gvern lokali fil-komunità.

# It-Tielet Pass



L-identifikazzjoni u d-definizzjoni tar-responsabbilitajiet ta' ħidma fi ħdan il-kunsill hija kruċjali għat-tisħiħ u t-titjib fil-ħidma tal-Gvern Lokali.

L-ewwel nett, dan għandu jiġi aġġornat fl-Att tal-kunsilli lokali biex jirrifletti il-ħiliet meħtieġa għal tmexxija sana u iktar b'saħħitha tal-kunsilli. Id-dekasteri tal-kunsilliera għandhom ukoll jiġu aġġornati sabiex il-kunsilliera eletti jieħdu sehem iktar attiv fit-tmexxija ġenerali fil-lokalità kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' proġetti favur il-komunità. Komunikazzjoni ċara ta' dawn ir-rwoli u responsabbiltajiet tal-kunsill għandha tibni aspettativi realistiċi tal-komunitajiet fil-kunsill tagħhom, li ssarraf f'fiduċja u sodisfazzjon fit-tmexxija lokali.

Responsabbilitajiet ċari għandhom iservu ukoll biex jitfassal pjan ta' taħriġ immirat u addatat għall-bżonnijiet tar-riżorsi umani tal-gvern lokali. Għandhom iservu biex jattiraw iktar nies b'talenti u ħiliet ikbar li jagħżlu t-tmexxija tal-gvern lokali bħala għażla għal kariera professionali amministrattiva, maniġerjali kif ukoll politika.

Ir-responsabbilitajiet qegħdin jigu maqsuma f'għaxar kategoriji principali kif spegat iktar fid-dettal hawn taħt;



# Servizzi Pubbliċi Diċentralizzati

Ristrutturar ta' servizzi pubbliċi eżistenti, b'impenn sabiex ikun hemm titjib fl-effiċjenza, konsistenza, effettività, u assikurazzjoni.

Immaniġġjar tar-Relazzjoni mar-Resident u immaniġġjar tar-Relazzjoni lokali mal-komunità tan-negozju. (LBRM).

Identifikazzjoni ta' servizzi pubbliċi addizzjonali illi jistgħu potenzjalment jiġu diċentralizzati u mgħoddija lil Gvern Lokali.

# Riżorsi Umani

Taħriġ u żvilupp individwali bi sħab ma' Universitajiet, Kulleġġi u skejjel speċjalizzati fl-immaniġġar.

Ingaġġ ta' ħaddiema ġodda.

Teknoloġija u sistemi li jistgħu jagħtu kontribut għal aktar effiċjenza u produttività, benefiċċji u kumpens.

Analiżi tax-xogħol imwettaq u tfassil ta' metodi ġodda ta' xogħol.

Relazzjoni mal-impjegati.

Immaniġġjar u dħul finanzjarju

Nidentifikaw sorsi oħra potenzjali ta' dħul.

# Immaniġġar ta' Progetti u Attivitajiet

L-immaniġġjar, rinovar u żamma ta' assi immobli tal-Kunsill, makkinarju mekkaniku u elettroniku, faċilitajiet sportivi, uffiċini, ġonna, playing fields u spazji miftuħa oħra.

Żamma fl-ahjar kundizzjoni ta' ghamara tat-triq, inkluz, imwejjed u bankijiet, bins tal-iskart, arbli u sinjali ta' traffiku, dwal u bus shelters.

Immaniġġjar u superviżjoni ta' risorsi umani tal-kunsill lokali, diretti u indiretti, fejn jidhol manutenzjoni u zvilupp urban, tisbieh u harsien ta ambjent naturali u dak mibni, indafa u fl-immaniġġjar ta skart li jinkludi ċ-ċertifikazzjoni tal-istess xogħol.

Konsolidazzjoni ta' ħidma bejn kunsilli lokali fuq bażi reġjonali biex tintlahaq effiċjenza u kwalità ta' livell superjuri kemm fis-servizz kif ukoll fuq xogħlijiet. Organizzazzjoni ta' sistemi uniformi ta' manutenzjoni preventiv, ordinarju, korrettiv u ta' emerġenza.

Assikurazzjoni ta' assessjar ta' riskju, ċertifikazzjoni fuq saħħa u sigurtà, mitigazzjoni tar-riskji ezistenti u kontroll tagħhom.

Immaniġġjar tal-kuntratti ta xogħlijiet, poloz ta assikurazzjoni u public liability.

Koordinament, organizazzjoni, promozzjoni u ffaċilitar ta' proġetti kreattivi, kulturali, artistiċi u popolari.



# Ristrutturar tal-programmi ta' skemi ta' PPP.

L-immaniġġjar ta' sorsi oħra ta' dħul li huma ġenerati mill-infurzar u servizzi oħra li huma bbażati fuq sorsi ta' dħul simili.

Identifikazzjoni, immaniġġjar u ksib ta' fondi minn programmi ewropej.

Immaniġġjar bi trasparenza ta' fondi pubbliċi.

Immaniġġjar tal-assi tal-lokal.

# Komunikazzjoni

Kampanji u komunikazzjoni diġitali biex ikun hemm branding tal-lokalitajiet. Immaniġġjar aħjar tal-media socjali, websites, materjal ta' promozzjoni, pubblikazzjonijiet u dokumentazzjoni.

Relazzjoni mal-media li tinkludi konferenzi stampi u tnedija ta' proġetti filwaqt li jkun hemm assikurazzjoni ta' messagg koerenti, konsistenti u ċar.

Konferenzi, esebizzjonijiet u attivitajiet.

Titjib ta' komunikazzjoni interna u titjib fir-relazzjoni ma' għaqdiet u assoċjazzjonijiet fil-komunità lokali.

# Pjan Urban

Żvilupp ta' policies ta' urbanizzazzjoni lokali trasparenti illi jippromwovu tkabbir ekonomiku sostenibbli u fit-tul f'qafas li jtejjeb il-livell ta' għajxien tal-ħajja, il-kwalità urbana tal-lokalità, jiffaċilita u jippromwovi mobbiltà sostenibbli, joffri protezzjoni għal ambjent naturali u jassigura mobbilità u aċċessibilità għal kulħadd.

Żieda fi proġetti ta' żoni ħodor fl-ambjent mibni u urban biex tittejjeb il-kwalità tal-arja, tittejjeb il-kwalità estetika tal-lokalità waqt li tikkontribwixxi għas-saħħa fiżika u mentali tar-resident.
Iffukar fuq karatteristiċi uniċi tal-ibliet u irħula u r-residenti tagħhom.

Zieda ta' konsultazzjoni pubblika biex jiġi assigurat involviment ikbar tal-komunitajiet lokali u msieħba soċjali għal żvilupp parteċipattiv u ta' suċċess.

Tfassil ta' strateġiji fit-tul flimkien ma' stakeholders sabiex inżidu l-fiduċja tal-investitur lokali u inżidu r-rispett reċiproku bejn l-investitur u l-komunitajiet lokali.

Investiment f'għodod ta' komunikazzjoni, ġbir u ta' informazzjoni u access ikbar għal informazzjoni relatata ma' sostenibbiltà biex tisaħħaħ il-ħidma bejn il-lokalitajiet, reġjuni, entitatijiet tal-Gvern Ċentrali u żviluppaturi tal-bini bil-għan li tittejjeb il-kwalità ta' żvilupp urban fil-lokalitajiet.

Immaniġġjar aħjar tas-swieqi fil-beraħ. Ristrutturar tas-sistema bl-inqas impatt possibbli fuq ir-resident.





# Mobbiltà Sostenibbli

L-ippjanar fuq bażi lokali ta' konnettività u aċċessibiltà permezz ta' mobbiltà sostenibbli bi prijorità fuq il-mixi u ċikliżmu. Dan jinkludi infrastruttura għall-mixi u ċiklizmu moderni u sigura u l-manteniment tagħha.

Il-promozzjoni, sostenn u il-facilitazzjoni ta' sistemi u skemi ta' mobilità bħala servizz privat.

L-iżvilupp ta' pjan urban biex jiffaċilita l-konsenja ta' oġġetti u servizzi f'zoni urbanizzati u ċentrali bl-iskop li titnaqqas il-konġestjoni u t-traffiku minn żoni residenzjali u miċ-ċentri tal-lokalitajiet.

# Edukazzjoni u Saħħa

Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni bi sħubija mal-Gvern Ċentrali, skejjel u universitajiet pubbliċi u privati biex jiżdied l-għarfien fuq żvilupp, sostenibbiltà, kultura, arti, tibdil fil-klima, saħħa, integrazzjoni, teknoloġija u materji oħra ta' natura lokali.

Kollaborazzjoni mal-iskejjel primarji u sekondarji biex jikber l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fit-tmexxija u fil-proġetti lokali. Użu aħjar tal-iskejjel fil-lokalitajiet biex iservu ta' ċentri lokali wara l-ħinijiet tal-iskola u fi tmiem il-ġimgħa.

Parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi li jippromwovu l-benessere u titjib fis-saħħa fiżika u mentali. Sostenn ikbar lil skejjel tal-iżfin u gyms fil-lokalità.

Tisħiħ fl-immaniġġjar tal-bereġ, kontroll u promozzjoni tas-sanità pubblika u servizzi oħra tas-saħħa primarja bi sħubija ikbar mal-awtoritajiet tas-saħħa.



# Immaniġġar tal-iskart

Effiċjenza u titjib fil-ġbir tal-iskart domestiku u lokali, inkluż dak kummerċjali, bl-użu ta' teknoloġijia moderna, assessjar u ġbir ta' data xjentifika.

Involviment attiv fl-edukazzjoni lokali permezz ta' pjan nazzjonali bl-iskop li tikber kuxjenza fuq ir-rimi żejjed u bla bżonn, fuq ir riċiklaġġ individwali jew fil- komunità bħal mhu l-fertilizzazzjoni tal-ikel, u għarfien ikbar fuq materjali sostenibbli.

It-tindif tat-toroq, żoni pubbliċi u miftuħa, u pjazez bl-iktar mod effettiv u sostenibbli. L-installar ta' numbru ta' kontenituri ta- iskart pubbliku f'zoni publici, il- manutenzjoni taghhom u il-gbir ta' skart b'mod regolari.

L-immanigjar ta' skemi ta' gbir ta' skart domestiku goff.



# Bliet u Rħula 'Smart'

L-introduzzjoni u l-użu ta' teknologija moderna fil-lokalitajiet tagħna biex tittejjeb l-informazzjoni ġeografika, urbana u l-mobbiltà.

Titjib u tisħiħ fis-servizzi ta' sigurtà, infurzar fuq data pubblika, permessi u immaniġġjar aħjar ta' xogħlijiet pubbliċi u privati.

Sħubija ta' entitajiet privati u universitajiet għal riċerka u żvilupp f'servizzi għal konnettività aħjar.

# Konklużjoni

Komunikazzjoni ċara ta' dawn l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Għandha tibni aspetattivi realistici tal-kommunitajiet fil-Kunsilli taghhom, li ssarraf f'fiduċja u sodisfazzjon fit-tmexxija lokali.

Tali bidliet ghandhom ikunu msejsa fuq ricerka xjentifika li tindirizza wkoll il-qafas prezenti strutturat fuq livell geografiku.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

Local Councils' Association Malta